**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1027/97

Frederick Attard

vs

Il-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Fl-Ufficju tal-Prim Ministru gia` Segretarju Amministrattiv, il-Ministru tat-Trasport u Portijiet, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u Portijiet, id-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili, il-'Manager Air Terminal', id-Dipartiment tal-'Air Terminal', Malta International Airport p.l.c., Ic-'Chairman' Air Terminal Board of Management, 'Air Terminal Board of Management'

Illum 22 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

(1) Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u il-15 ta' Mejju 1985, hu sofra ingustizzji billi gie kkastigat, ivvessat, trasferit, umiljat, mtellef hatriet, promozzjonijiet u flus. Sofra tfixkil, restrizzjonijiet fil-qadi ta' dmirijietu, soggett bla bzonn ghall-azzjonijiet dixxiplinari u dan b' mod sistematiku li hadu xejra ta' persekuzzjoni, minn ufficjali tal- Gvern. Dawn l-azzjonijiet ghamluhomlu ghax kien abbli u rett f'xogholu u b'hekk kien ta' xkiel ghalihom billi ma kienx jittollera li jsir xi att mhux skond il-procedura jew ksur tan-norma f'dak iz-zmien uzati.

(2) Illi ghal erba' darbiet ttiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu u tressaq quddiem il-Bord presedjat mic-'Chairman' tad-Dixxiplina tal- Public Service Commission, meta kazi simili jew aghar minn tieghu, lil haddiehor ma ttiehdux passi dixxiplinari kontra tieghu jew il-passi dixxiplinari mehuda gew mismugha mill-Kap tad-Dipartiment. B'hekk b'dan il-mod diskriminatorju ssoggettawh kostantement ghal biza ta' tkeccija mis-Servizz Civili, meta finalment il-piena kienet hafna izghar li kieku nstab hati.

(3) L-erba' kazi ta' dixxiplina li r-rikorrent tressaq quddiem ic-Chairman tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Public Service Commission u sussegwentement f'kaz minnhom tressaq ghal zewg appelli

quddiem ic-Chairman u il-Bord tal-Public Service Commisson huma dawn li gejjin:

(A) Kaz tat-30 ta' Ottubru 1987. Charge ghat-tkeccija minhabba allegat ta' mgieba mhix korretta waqt il-qadi ta' dmirijietu. Ir-rikorrent ma nstabx hati skond l-akkuza.

(B) Kaz tad-9 ta' Gunju 1988. Charge ta' mgieba skorretta u abbuz ta' awtorita` waqt il-qadi ta' dmirijietu. Ir-rikorrent ma nstabx hati skond l-akkuza.

(C) Kaz tal-14 ta' Lulju 1989. Charge dwar abbuz waqt il-qadi ta' dmirijietu. Ir-rikorrent ghadu ma giex infurmat bl-ezitu tal-kaz. Hadd mill-ufficali tal-Gvern jew tal-Public Service Commission ma nfurmaw lir-rikorrent jekk il-kaz giex abbandunat minn naha taghhom.

(D) Kaz tad-9 ta' Ottubru 1990. Charge dwar ksur tas-Secrecy Act, li injora lill-kap tad-dipartiment, li nvolva persuna diplomatika barranija fi hwejjeg interni tac-Civil u li gab stat ta' disgwid bejn Malta u l-Libja. Ir-rikorrent instab hati limitatament fuq akkuza wahda u ma nstabx hati tat-tlett akkuzi l-ohra. Illi ma dana kollu l-Gvern sal-llum lanqas biss insista li jithallsu il-Lm100 piena mposta fuq l-akkuzat.

(4) Illi fuq dan ir-raba' kaz (D) ir-rikorrent gie illegalment "Summarily Dismissed' u mcahhad milli jircievi s-salarju ghal xaharejn avolja qatt ma kien ghadu li nstab hati ta' akkuza u dan

kontra l-proceduri amministrattivi u tad-dixxiplina tas-Servizz Civili. Ir-rikorrent gie rimburzat dawn is-salarji fuq parir legali mghoti mill-Avukat Generali tal-Gvern.

(5) Illi minghajr raguni valida u qabel ma nstab hati minn xi akkuza huwa gie trasferit ghal dipartiment iehor tal-Gvern ghal hdax il-xahar u mgieghel jaghmel xoghol li ma kienx skond il-grad tieghu b'doveri ristrettissimi.

(6) Illi kien hemm impjegati ohra li kisru r-regolamenti b'mod palesi u sfaccat, pero` kontra dawn ittiehdu passi dixxiplinari quddiem il-kap tad-dipartiment u mhux quddiem ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Public Service Commission, jew sempliciment gew imwissija jew inkella ma ttiehdux passi dixxiplinari kontrihom.

(7) Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu billi jinghata l-promozzjonijiet li huwa tilef u/jew li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000).

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-***Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili***, li eccepixxa:

Fit-30 ta' Ottubru 1987 kien hareg Charge fil-konfront tar-rikorrent u eventwalment ir-rikorrent ma kienx misjub hati ta' l-akkuza. Dokument A,B,C, annessi dwar dan il-kaz.

Minn Mejju 1988, ir-responsabbilita` ghall-amministrazzjoni ta' l-Air Terminal giet f'idejn il-Manager, Air Terminal Department; f'Jannar 1992 il-Malta International Airport Limited hadet f'idejha ir-responsabbilita` tat-tmexxija ta' l-Air Terminal.

Jidher car li Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-fatti li graw wara Mejju 1998.

Ghaldaqstant l-intimat Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili talab li t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tieghu ghal fatti li graw wara Mejju 1988.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tal-***Malta International Airport p.l.c.***, li eccepiet:

1. Illi s-socjeta' Malta International Airport p.l.c. (gia Malta International Airport Limited) giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 u bejn dik id-data u l-31 ta' Dicembru 1991 l-impjegati

taghha kienu biss is-segwenti: George Papagiorcopulo, Dott. Loredana Gatt u Simon Naudi (li llum ma ghandhomx fl-impieg tal-Kumpanija) u Mario Cuomo, Norman Cassar, Austin Calleja u Emanuel Briffa;

2. Illi fl-1 ta' Jannar 1992 il-Kumpanija assumiet ukoll l-impieg ta' dawk l-impjegati li fil-31 ta' Dicembru 1991 kienu mpjegati tal-Gvern u cioe' ta' dak li f'dak il-perjodu kien l-Air Terminal Department. Is-Sur Frederick Attard kien wiehed minn dawk li ghazel minn rajh li jinghaqad mal-Kumpanija fl-1 ta' Jannar 1992;

3. Illi s-sur Frederick Attard fir-rikors tieghu qed jallega illi sofra ingustizzja f'perjodu qabel l-1 ta' Jannar 1992 u ghaldaqstant ma setax sofra ingustizzji mis-socjeta` intimata Malta International Airport p.l.c. peress illi din is-socjeta` kummercjali giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 u bejn dina d-data u 31 ta' Dicembru 1991 r-rikorrent ma kienx impjegat maghha. Infatti, fir-rikors tieghu r-rikorrenti Frederick Attard qed jallega li sofra ingustizzja minn "ufficjali tal-Gvern". L-ebda ufficjal tas-socjeta` esponenti (minn meta gie inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 sal-lum) ma huwa ufficjal tal-Gvern;

4. Illi ghalhekk gie sottomess illi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tal-***Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru*** li eccepew:

Illi l-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' dan l-ilment billi hu mhuwiex responsabbli ghall-kazi ta' dixxiplina quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u lanqas ma huwa responsabbli ghat-trasferiment ta' impjegati fis-Servizz Pubbliku.

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ghandu xi jghid is-segwenti:

1. Illi fil-kazi kollha ta' dixxiplina indikati mir-rikorrent, kien inhass, kemm mill-Kap tad-dipartiment kif ukoll minn dan l-Ufficcju, li l-offizi kienu gravi bizzejjed li jigu nvestigati minn Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

2. Illi c-'charges' inhargu ghax kien hemm bazi fattwali taghhom, u fil-fatt ir-rikorrent imkien ma jallega illi dawn ic-'charges' kienu manifestament infondati jew frivoli. Illi waqt is-smiegh tac-charges ir-rikorrent kien inghata smiegh xieraq skond ir-regolamenti.

3. Illi l-argument tar-rikorrent fis-sens li kien hemm nies ohra li kisru r-regolamenti u, jew gew processati quddiem il-Kap tad-Dipartiment, jew ma tiehdux passi kontra taghhom huwa wkoll infondat peress li l-ewwelnett id-diskriminazzjoni (li l-intimat ma jaccettax li kien hemm f'dan il-kaz) qatt ma tista’ tiggustifika

abbuzi u agir illegali iehor, u apparti minn hekk, il-Bord tad-Dixxiplina joffri garanzija ta' smiegh xieraq skond il-ligi.

4. Illi s-sottomissjonijiet tar-rikorrent fis-sens li jimplika li l-Kap tad-Dipartiment kien vessatorju lejh, fis-sens li huwa kien diskriminat ghax ma giex processat quddiem il-Kap tad-Dipartiment, huma kontradittorji.

5. Illi, ghalkemm ma ta’ ebda dettalji, it-trasferiment li ghalih qed jalludi r-rikorrent huwa dak tat-12 ta' Novembru 1990 meta hu ntbaghat fid-Dipartiment tal-Muzewijiet.

6. Illi wara li r-rikorrent kien gie interdett f'Ottubru 1990 minhabba passi dixxiplinarji, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet irrakkomandat li r-rikorrent, flok jibqa' interdett, kellu jinghata xoghol alternattiv jew jintbaghat f'dipartiment iehor. Huwa gie trasferit temporanjament ghad-Dipartiment tal-Muzewijiet wara li kien hu stess li wera x-xewqa li jahdem f'dan id-dipartiment f'Settembru 1991, meta gie konkluz il-kaz ta' dixxiplina kontrieh, ir-rikorrent rega’ mar lura l-Air Terminal Department.

7. Illi ghalkemm ir-rikorrent jallega li tilef xi promozzjonijiet, huwa naqas li jindika liema huma u meta kellu johodhom.

8. Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra r-risposta tal-***Ministru ghat-Trasport u Portijiet*** li eccepixxa: Illi preliminarjament huwa ma kienx jokkupa l-kariga ta' Ministru fi zmien li ghalih jirreferi l-ilment.
Illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181(B) tal-Kap 12.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi s-Sur Mangion iddikjara li l-Air Terminal Board of Management kien Bord temporanju li ha hsieb it-twaqqif tal-Malta International Airport p.l.c.

Illi fis-6 ta’ Lulju, 2000 ir-rikorrent ceda r-rikors fil-konfront tal-intimati Manager Air Terminal, u Chairman Air Terminal Board of Management.

Illi fit-13 ta' Marzu 2001 sar verbal li dwar l-ewwel rapport il-proceduri bdew mid-Direttur tal-Avvjazzjoni Civili, waqt li tieni, tielet, u raba' charge bdew mill-Manager Air Terminal Depatment; ghalhekk l-ewwel charge gie iffirmat minn Salvu Fenech, waqt li l-ohrajn minn Paul Mifsud.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma dak kollu li stqarr fir-rikors tieghu numru 1027/97. Zied li sofra tfixkil, restrizzjonijiet fil-qadi ta' dmirijietu, soggett bla bzonn ghall-azzjonijiet dixxiplinari u dan b'mod sistematiku li hadu xejra ta' persekuzzjoni minn ufficjali tal-Gvern. Semma li dak iz-zmien kien maghruf bhala Laburist attiv fl-Elezzjonijiet Generali, u attivist tal-General Workers' Union fejn mill-1989 sa 1994 kien Shop Steward tad-Duty Management Officers u membru fil-Kumitat Ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport mmexxija mis-Sur Tony Zarb.

Ittiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu erba' darbiet quddiem il-Board tad-dixxiplina tal-Public Service Commission" meta kazijiet simili jew aghar minn tieghu ma ttiehdux passi dixxiplinari kontra l-individwi koncernati. (Dok C tas 27/12/88, Dok F tat-12/01/89, Dok G tal-20/01/89). F'kaz minnhom tressaq wara zewgt appelli quddiem ic-Chairman u il-Board tal-Public Service Commission. L-intimati kienu jafu li ma kienx hemm bazi ta' akkuzi izda xorta wahda riedu jissoggettawh ghal process quddiem il-Public Service Commission biex lilu jivvessawh, jumiljawh u jikkondizzjonawh.

Il-kazijiet kienu:

(A) ***Kaz tat-30 t'Ottubru 1987***. "Charge" ghat-tkeccija minhabba allegata mgieba mhux korretta waqt il-qadi ta' dmirijietu. Ma kienx gie misjub hati skond l-akkuza. Saru zewg appelli fuq xulxin minn naha tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili. Dawn ma kienux bizzejjed. Sostna li l-iskop kien il-persekuzzjoni. (DokA1 sa A7).

(B) ***Kaz tad-9 ta' Gunju 1988.*** Charge ta' mgieba skorretta u abbuz ta' awtorita' waqt il-qadi ta' dmirijiet. Sostna li mhux talli ma nstabx hati skond l-akkuza, imma gie dikjarat mill-Bord tad-dixxiplina illi jien ma kellux ghalfejn jitressaq quddiem dan l-istess Board. (Dok B1 sa B7).

(C) ***Kaz tal-14 ta' Lulju 1989***. "Charge" dwar abbuz waqt il-qadi ta' dmirijietu. Sal-lum ghadu ma giex infurmat bl-ezitu ta' dan il-kaz. Hadd mill-ufficjali tal-Gvern jew tal-Public Service Commission ma ghadu infurmah jekk il-kaz giex abbandunat minn naha taghhom (Dok C1 sa C6).

(D) ***Kaz tad-9 t'Ottubru 1990***. "Charge" dwar ksur tas-'Secrecy Act' li njora lill-Air Terminal Manager li involva persuna diplomatika barranija fi hwejjeg interni tas-Servizz Civili u li gab dizgwid bejn Malta u l-Libja. Gie misjub hati limitatament fuq akkuza wahda u ma nstabtx hati tat-tlett akkuzi l-ohra. Ma dana kollu l-gvern sal-lum lanqas biss insista li jithallsu il-Lm100 piena imposti fuqi. (Dok D1 sa D6). Fuq dan ir-raba kaz gie "Summarily Dismissed" u mcahhad milli jircievi

s-salarju ghall-xahrejn, avolja qatt ma kien ghadu nstab hati tal-akkuza. Dan kien imur kontra l-proceduri amministrattivi u tad-dixxiplina tas-Servizz Civili. Gie rimburzjat dawn is-salarji, fuq parir legali moghti mill-Avukat Generali tal-Gvern. Illi minghajr raguni valida u qabel ma nstab hati minn xi akkuza gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Muzewijiet ghal hdax il-xahar.

Sostna li kien hemm impjegati ohra, li kissru ir-regolamenti b'mod sfaccat, pero' kontra dawn mhux talli ma ttiehdux passi dixxiplinari quddiem il-kap tad-dipartiment jew quddiem il-Bord tad-dixxipplina tal-Public Service Commission. Dawn sempliciment gew imwissija jew inkella ma ttiehdux passi dixxiplinari kontrihom.

In kontro ezami r-rikorrent xehed li dwar il-kaz tad-9 ta` Ottubru 1990 huwa veru li kienet giet imposta penali ta` Lm100 fuqu li kienet giet stabbilita mill-Public Service Commission. Semma li hu bbaza dan il-fatt bhala ingustizzja ghall-fatt li ma hallasx minhabba l-fatt li zgur li xi hadd irrejalizza bl-izball pero` ma jirrizultawlux ragunijiet oggettivi ghaliex ghandu jahseb dan. Dwar dan l-istess kaz qal li inizjalment kien sospiz, u ghamel xahrejn minghajr paga, ghalkemm eventwalment kien intervjena l-Attorney General u kienu spiccaw hallsuh taghhom. Hallsuni ta` kollox pero` jahdem bix-shift u naturalment peress li ma hadimx peress li kien sospiz, tilef tax-shift. Il-proceduri quddiem il-PSC kienu bdew xi xahrejn wara. Ha l-paga kollha bhala basic pay pero` tilef allowances ta` xi ghaxar xhur. Fil-fatt ghal xahrejn biss ma kienux hallewh jidhol ghax-xoghol. It-

tmien xhur ta` wara kien mar dipartiment iehor u cioe` d-dipartiment tal-Muzewijiet. Matul dak iz-zmien kienu hargu zewg calls for applications - wahda minnhom kienet ghal Executive in charge of VIP Services fl-20 ta` Frar 1991. Il-promotion exercise hija mertu ta` kawza ohra, il-1026/97 li qieghda wkoll quddiem dan it-Tribunal.

Bejn Mejju 1987 sa Settembru 1990 kienet harget applikazzjoni ghal Assistant Air Terminal Manager li applika ghaliha. Kien hadha s-Sur Richard Farrugia fuq bazi temporanja. Illum il-gurnata dik il-kariga spiccat. Dan pero` mhux parti mill-ilment odjern. Il-kawza tieghu hija bazata fuq il-fatt li gie ivvessat billi ripetutament gie imressaq quddiem il-PSC minghajr gustifikazzjoni.

L-MIA lilu qatt ma ressqitu quddiem il-PSC, u qatt ma ghamiltlu xi atti vessatorji pero` l-kawza giet istitwita wkoll kontra l-MIA minhabba li hija s-successur tal-employer precedenti tieghu. Il-Prim Ministru personali lilu m` ghamillu ebda ingustizzja pero` huwa mharrek fil-kariga tieghu ta` Prim Ministru. Ic-charges li jghaddu ghal quddiem il-PSC dejjem jghaddu through is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Minsitru. Il-Ministru tat-Trasport u Portijiet huwa l-Ministru li ghall-inqas dak iz-zmien kien responsabbli mill-MIA, fiz-zmien li pprezenta ir-rikors. Dahhal lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u Portijiet minhabba l-fatt li huwa parti mill-istruttura tal-Ministeru.

Vince Piccinino Assistent Direttur fil-Management and Personnel Office xehed hekk dwar ir-raba kaz: “Il-kelma tkeccija nahseb li hija kelma goffa zejjed ghaliex fl-opinjoni tieghi, minn dak li johrog mill-file tal-OPM, mill-Personal File u mill-file tad-dixxiplina, is-Sur Frederick Attard ma kienx imkecci. Il-fatti huma dawn li jirrizultaw mill-files li ghandna; fid-9 ta’ Ottubru 1990 il-Manager tal-Air Terminal informa lis-Sur Frederick Attard li kien behsiebu jiehu passi dixxiplinarji kontra tieghu fuq erba’ akkuzi skond Regolament 14 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Public Service Commission. Infurmah ukoll li kienet qed tigi mitluba l-interdizzjoni tieghu u li f’ dawn ic-cirkustanzi huwa kien qieghed jigi sospiz mid-doveri tieghu.

Il-Manager Air Terminal irrakkomanda lis-Segretarju Amministrattiv li s-Sur Attard jigi interdett u s-Segretarju Amministrattiv talab lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tara jekk tridx taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha lill-Prim Ministru ghal dan il-ghan. Fl-istess hin is-Segretarju Amministrattiv awtorizza lill-Air Terminal Manager biex sadanittant is-Sur Attard ikun sospiz skond Regolament 15, 2.

Pero` l-PSC ma qablitx li s-Sur Attard ghandu jigi interdett imma ikkunsidrat li jkun fl-ahjar interess tas-servizz li hu jinghata xoghol alternattiv jew f’ parti ohra tal-Air Terminal jew f’ dipartiment iehor. Minhabba f’ hekk u billi s-Sur Attard stess wera x-xewqa li jkun trasferit fid-Dipartiment tal-Muzewijiet fejn kien hemm il-bzonn tieghu, is-Segretarju Amministrattiv gharraf lill-Air Terminal Manager li sadanittant is-Sur Attard

kellu jirraporta ghax-xoghol fid-dipartiment tal-Muzewijiet b' effett mit-12 ta' Novembru 1990 jigifieri hawnhekk is-Sur Attard kien sospiz mid-9 ta' Ottubru 1990 sal-11 ta' Novembru 1990 qisu xahar u jumejn jew xahar u tlett ijiem. Dak iz-zmien kien sospiz b' nofs paga."

Eventwalment l-MPO talab il-parir tal-Avukat Generali dwar x' paga ghandu jircievi l-ufficjal pubbliku ghall-perjodu ta' sospensjoni li ma jkunx segwit minn interdizzjoni, u l-parir mill-ufficcju tal-Avukat Generali kien li minhabba li l-PSC ma qablitx mal-interdizzjoni, is-Sur Attard kellu jithallas is-salarju shih, u fil-fatt thallas is-salarju shih. Il-PSC iddecidiet li s-Sur Attard kien hati biss tat-tielet akkuza minn erbgha u rrakkomandat li jigi mmultat Lm100. Fil-11 ta' Settembru 1991 l-Assistant Air Terminal Manager irrakkomanda lis-Segretarju Amministrattiv li s-Sur Attard ghandu jigi msejjah lura l-Air Terminal u fil-fatt hekk gara. Ghalhekk l-kelma tkeccija ma hijiex korretta.

Norman Worley Segretarju tal-Public Service Commission u kien ilu f' din il-kariga sena u nofs u bhala "Acting" 4 snin jaghmel dan ix-xoghol xehed li fl-1991 ma kienx hu izda ghandu access ghar-records.

Esebixxa l-findings 22/87 tal-15 ta' Dicembru 1987 tal-Bord tad-Dixxiplina li mbaghad naturalment ikunu gew riferuti lill-PSC. Hemm ukoll it-tieni rapport fuq l-istess kaz li jirrizulta bid-data tat-30 ta' Marzu 1988, findings 5 tal-88, u dana wkoll mill-Bord

tad-dixxiplina. In segwitu ta' dawk iz-zewg rapporti l-PSC waslet ghall-konkluzjoni li taqbel mal-ewwel rapport u infatti sabet lill-akkuzat mhux hati.

Il-findings 33/88 datat 20 ta' Settembru 1988 jsemmu "il-bord izid jghid li fl-opinjoni tieghu ma kienx kaz li kellu jitressaq quddiem il-bord tad-dixxiplina."

Dwar il-kaz tal-5 ta' Settembru 1989 xehed li dan kien gie irtirat mid-dipartiment stess. Semma li ma jafx is-Sur Attard kienx gie nfurmat jew le. F' kazijiet bhal dawn mhix il-PSC li tinforma, hija kompitu tal-amministrazzjoni ta' min johrog ic-charge li jinforma.

Skond ir-regolamenti l-antiki tal-1977 jekk jinqala' xi kaz ta' dixxiplina fuq, il-procedura kienet li l-Kap tad-Dipartiment jinforma lill-OPM Kastilja u sta ghalihom jiddeciedu jekk il-kaz kienx serju bizzejjed li jigi riferut lura lill-Kap tad-Dipartiment biex jiehu d-decizjoni tieghu jew altrimenti jintbaghat lill-PSC ghall-bord tad-dixxiplina. F' dawn il-kazijiet fejn effettivament ittiehdu proceduri quddiem il-PSC kontra Frederick Attard id-decizjoni kienet dejjem ittiehdet minn Kastilja. Ir-regoli l-godda dahlu fl-1999.

Dwar il-finding tad- 29 ta' Mejju 1991 esebixxa d-decizjoni tal-PSC a fol 120 Dokument D4.

Kien fl-ahhar kaz biss minn erba quddiem il-PSC li r-rikorrent instab hati u dan in parte. Ikunu bdew il-proceduri f' dawn il-

kazijiet dejjem fuq rapport tad-Direttur tad-Dipartiment koncernat. F' dawn il-proceduri l-Kap tad-Dipartiment jikteb lill-individwu u jinfurmah li ser iressaq il-kaz quddiem il-PSC. F'dan l-istadju l-Kap tad-Dipartiment ma jkunx ghadu anqas biss kiteb lill-OPM. L-individwu jkollu d-dritt li jirrispondi lill-Kap tad-Dipartiment u jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu relevanti. Jekk il-Kap tad-Dipartiment ikun sodisfatt bir-risposta li jkun ircieva jista' jwaqqaf il-kaz hemmhekk.
Il-Prim Ministru ma jidhirx hlief illi jkun l-Ufficcju tal-OPM li jirreferixxi l-kaz lill-PSC u jkun il-Prim Ministru li japprova finalment id-decizjoni tal-PSC, skond ir-regolamenti. Il-Ministru tat-Trasport u Portijiet ma kellu ebda involviment f' dawn il-proceduri. Il-kap tad-dipartiment meta jkollu infringement ma jmurx il-Ministeru izda jmur direttament Kastilja. Ir-regolamenti ma jghidux li jrid jaghmel referenza lill-Ministeru tieghu.

Captain Ivan Consiglio li jokkupa l-kariga ta' Administrative Secretary tal-Ufficjal Kmandant tat-Tieni Regiment xehed li fl-1991 kellu l-kariga ta' Platoon Commander and Administration Officer fl-Airport Security Company 1$^{st}$ Regiment AFM u esebixxa r-rapport dwar il-kaz ta' Aldo Spiteri li gara fl-1 ta' Frar 1991 u r-rapport maghmul minnu fis-6 ta' Frar. Aldo Spiteri ma kienx fl-Armata izda impjegat Civili fl-Airport Management Department. Hu qal li ma jafx jekk ittiehdux passi dixxiplinarji kontra Spiteri.

Paul Mifsud li llum il-kariga tieghu hija ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ambjent u li mill-1989 sal-1991

kien General Manager tal-Airport xehed li jaf li Aldo Spiteri kien involut f' diversi kazi meta hu kien involut fit-tmexxija. Ma ftakarx jekk ressaqx lil Spiteri quddiem il-PSC. Ma ftakarx anqas id-dettalji tal-kaz ta' David Cassar, Anton Ciarlo u Vincent Farrugia pero` ma kienx hemm passi dixxiplinarji kontra taghhom. Dan il-kaz partikolari ma rreferiehx Kastilja. Qatt ma kien involut fl-MIA fit-tmexxija taghha u qatt ma kien impjegat tal-MIA, agent jew rapprezentant taghha. Semma li l-kaz ta' Attard gie riferut lill-PSC minhabba l-fatt li hassu serju bizzejjed li jintbaghat lill-PSC. Attard ma nstabx hati dwar il-kaz B. Dwar il-kaz C gie a konoxxenza tieghu minhabba li kellu rapport mill-Assistent Direttur ta' dak iz-zmien li kien Richard Farrugia. Peress li ma kienx sodisfatt bir-risposta tar-rikorrent irreferixxa l-kaz lill-PSC. Dwar kaz D kien sar rapport mill-Ministry of Foreign Affairs. Attard kien gie sospiz without pay. Sostna li r-rikorrent ma kienx gie singled out minhabba l-pozizzjoni tieghu fil-union. Kien hemm diversi nies li ha passi dixxiplinarji kontra taghhom. Dak iz-zmien kien impjegat Civili, kien jirrispondi lill-Gvern, il-Ministru tieghu kien il-Ministru Zammit Dimech u kien hemm zmien li kien l-Ufficcju tal-Prim Ministru. L-Air Terminal Board of Management li kien il-prekursur tal-MIA kien ghamilha cara li hu ma ghandux x' jaqsam ma' dan il-bord.

<u>Salvu Fenech</u> li kellu l-kariga ta' Direttur tas-Civil Aviation u dam f' din il-kariga sa Lulju 1999 xehed li r-rikorrent kien impjegat tad-dipartiment sa Mejju 1988 ghax imbaghad l-Air Terminal mar dipartiment ghalih kompletament barra mid-

dipartiment tieghu. Semma li fl-1987 kien hemm kaz fejn ittiehdu proceduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent. Kellu ittra minghand l-Administrative Secretary fejn irrapporta lis-Sur Attard li meta ma kienx xoghol kien dahal gewwa l-airport u eskorta lil xi hadd li kellu xi camera bl-iskop li tigi evaza d-dwana, l-allegazzjoni kienet. Talab lill-PSC biex taghmel bord, liema bord ma sabx lir-rikorrent hati. Regghu qajjmu l-kaz u qalulu biex jipproduci xhieda ohra izda r-rikorrent ma nstabx hati. Qal “Li nista’ nghid dwar is-Sur Attard li jiena ttrattajtu bhala imnpjegati ohra, la ahjar u anqas aghar mill-ohrajn. Dwar xogholu s-Sur Attard ma nista’ nghid xejn hazin. Ghalija kien jimxi “to the letter” u kien jaghmel xogholu sewwa.” Il-Malta International Airport bdiet topera fl-1992 pero` kienet dahlet fl-istorja ghall-habta tal-1991. F’ dawn iz-zewg incidenti ma kellha x’ taqsam xejn.

<u>Alfred Mangion</u> Division Manager Human Resources mal-Malta International Airport xehed li beda jahdem mal-MIA f’ nofs Mejju 1992. L-MIA twaqqfet f’ Mejju 1991 imma ma hadet l-ebda impjegat dak iz-zmien. Is-Sur Attard iffirma fit-30 jew 31 ta’ Dicembru l-letter of appointment biex jibda fl-1 ta’ Jannar 1992 bhall-impjegati l-ohra li l-kumpanija assumiet mill-Air Terminal Department. Sal-31 ta’ Dicembru 1991 ir-rikorrent kien impjegat tal-Air Terminal Department. Dwar il-Kaz D spjega li l-kaz kien spicca fiz-zmien meta kienet gja giet kostitwita l-MIA pero` meta Frederick Attard ir-rikorrent kien ghadu ma bediex jahdem mal-MIA.

Dwar l-Air Terminal Board Of Management qal li dan il-bord kien bord bhal bordijiet ohra ta' certi korpijiet li jahtarhom il-Gvern, ikollu Chairman li jidhirlu dak iz-zmien kien Dr. Andre Camilleri u kellu numru ta' membri ohra tal-bord. Kien bord nominat mill-Gvern. Huwa veru li l-kumpanija wirtet certu obbligi specifici mal-pensjoni fis-sens li l-impjegati li qabel kienu mal-Gvern u li spiccaw mal-MIA kawza tal-fatt li dahlu issa mal-MIA baqghalhom id-drittijiet taghhom li kellhom ghall-pensjoni kif kien stipulat qabel bhala impjegati governattivi. Dwar id-drittijiet taghhom ta' sick leave id-drittijiet ta' pensjoni tas-Sur Attard kif ukoll ta' nies bhalu huma dawk li kellhom gja akkwiziti bhala impjegati tal-Gvern u precedentement ghad-data tas-16 ta' Jannar 1979 meta kienet dahlet in forza l-kambjament fuq il-penzjonijiet minn naha tal-Gvern. Infatti dawk ghandhom drittijiet ta' pensjoni differenti minn impjegati li dahlu direttament minn barra ghal mal-MIA.

Jezisti Memorandum Of Understanding li kien iffirmat bejn l-MIA, l-MPO u z-zewg Unions li fih hemm indikat il-mod kif kien ser isir it-trasferiment tal-impjegati tal-Air Terminal Department ghal mal-MIA fl-1 ta' Jannar 1992 u wkoll xi affarijiet relattivi bhal ma hi l-kwistjoni tal-pensjonijiet.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalkemm huwa solitu li wiehed l-ewwel jezamina l-eccezzjonijiet ta' natura legali u wara jghaddi ghall-meritu in kwistjoni u dana specjalment jekk xi wahda minnhom tolqot il-kompetenza tat-Tribunal f' dan il-kaz it-Tribunal ihoss aktar

opportun li l-ewwel jezamina l-erba' aspetti tal-ilment tar-rikorrent halli mbaghad ikun jista' johrog il-konkluzjonijiet dwarhom u dana specjalment in vista ta' dak li sejjer jinghad aktar 'l isfel.

L-ilment tar-rikrorent hu maqsum taht erba' aspetti u dettaljatament imsemmija mir-rikorrent fl-affidavit tieghu kif ukoll mid-dokumenti esebiti Dok A, B, C u D.

L-ewwel aspett jirrigwarda charge minhabba allegata imgieba mhux korretta waqt il-qadi tad-dmirijiet. Ir-rikorrent kien gie akkuzat talli fid-9 ta' Ottubru 1987 "while off duty you escorted an incoming passenger, deplaning from flight KM103, through customs control at the airport terminal. Furthermore it resulted that the passenger concerned was attempting to import a video recorder set without declaring it to customs personnel." Wara li l-bord tad-dixxiplina ezamina c-charge sab lir-rikorrent mhux hati tal-istess charge. Sar appell mid-Direttur General tal-Avjazzjoni Civili inkluz li nstemghu xhieda godda u r-rikorrent rega' ma giex misjub hati. Fil-kaz imsemmi d-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili kien hass il-kaz gravi bizzejjed li kellu jigi ezaminat mill-bord ta' dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Wara li d-Direttur beda l-proceduri gie konfermat minn nies fl-OPM li l-procedura kellha titkompla fis-sens li gie riferut lura lill-kap tad-dipartiment biex jintbaghat lill-PSC. Fi kliem is-Sur Worley id-decizjoni biex jittiehdu proceduri kontra r-rikorrent kienet ittiehdet min Kastilja. Il-Ministru tat-Trasport u Portijiet ma kellu ebda involviment f'

dawn il-proceduri u meta l-kap tad-dipartiment ikollu infringement ma jmurx il-Ministeru izda direttament Kastilja ghax ir-regolamenti tal-PSC ma jghidux li jrid jaghmel referenza lill-Ministeru tieghu. L-MIA ma kellha xejn x' taqsam dwar dan l-incident.

Dwar it-tieni aspett tal-ilment ir-rikorrent gie akkuzat li fl-20 ta' Mejju 1988 waqt li kien qed jassisti lil Mr. Perez fil-VIP Lounge kien involut f' incident u uza kliem mhux xieraq kif ukoll ma mexiex kif suppost. F' dan il-kaz il-proceduri kienu nbdew mis-Sur Paul Mifsud fil-kariga tieghu ta' Manager tal-Air Terminal bis-solitu proceduri li ghamel ir-rapport lill-OPM. Id-decizjoni minn Kastilja kienet li l-proceduri jitkomplew quddiem il-PSC. F' dan il-kaz ukoll il-PSC sabet lir-rikorrent mhux hati u kkonkludiet "il-bord izid jghid li fl-opinjoni tieghu, dan ma kienx kaz li kellu jitressaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

Dwar it-tielet aspett tal-ilment dan jirreferi ghal kaz tal-14 ta' Lulju 1989 u cioe` charge dwar abbuz li waqt li kien qieghed jassisti persuni hallihom johorgu mill-bieb zbaljat kif ukoll johorgu fuq l-apron u affarijiet ohra konnessi. Dan il-kaz ukoll il-proceduri kienu nbdew mis-Sur Paul Mifsud fil-kariga tieghu ta' Manager tal-Air Terminal bis-solitu proceduri li ghamel ir-rapport lill-OPM. Id-decizjoni minn Kastilja kienet li l-proceduri jitkomplew quddiem il-PSC. Dan il-kaz kien gie rtirat mid-dipartiment stess skond ma xehed is-Sur Worley. Jidher li d-dipartiment li kellu l-obbligu li jinforma lir-rikorrent li l-kaz gie rtirat baqa' ma nfurmax lir-rikorrent.

Ir-raba' aspett tal-ilment jirrferixxi ghall-kaz tad-9 ta' Ottubru 1990 fuq rapport originat mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Kien hemm erba' akkuzi kontra r-rikorrent u instab hati biss tat-tielet akkuza u mmultat Lm100. Jirrizulta wkoll li kien matul il-proceduri sospiz ghal xahar u nofs u in segwitu trasferit ghad-Dipartiment tal-Muzewijiet. Kien gie wkoll interdett. Kien biss wara l-intervent tal-Avukat Generali li r-rikorrent inghata l-paga. Ukoll ir-rikorrent matul iz-zmien li kien jinsab fid-Dipartiment tal-Muzewijiet tilef hafna flus ta' shift allowances.

Nigu issa ghal-numru ta' eccezzjonijiet.
L-ewwel wahda dik tan-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal bazata fuq l-Artikolu 6 Kapitolu 394. L-intimati sostnew li t-Tribunal ma ghandux kompetenza dwar dawn il-kazijiet riferuti mir-rikorrent fis-sens li ***l-ingustizzja o meno li saret mieghu meta l-kazijiet tieghu gew riferuti quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-PSC jezorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal.***

Ir-rikorrent sostna li t-Tribunal ghandu din il-kompetenza u l-eccezzjoni li giet sollevata l-ewwel darba fil-31 ta' Ottubru 2001 giet eccepita tardivament ghax din kellha tigi moghtija "in limine litis."

It-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent minhabba li jekk it-Tribunal ma jistax jezamina l-mertu ta' kwistjoni ghax tezorbita barra mill-poteri tieghu elenkati fil-Kap. 394, peress li dawn huma ta' ordni pubbliku, huma eccezzjonijiet sollevabbli fi

kwalunkwe stadju tal-proceduri (inkluz fi stadju ta' appell quddiem xi Qorti) u sollevabbli mill-Qorti stess "ex officio". Dan hu differenti mill-kaz ta' kawza fejn l-intimat ma giex notifikat in terminu, kif kienet kompetenza bejn Qrati Civili u Kummercjali, jekk kawza ghandhiex tinstema' Malta jew Ghawdex. Jekk it-Tribunal m' ghandux kompetenza huwa inutli li din tissemma fil-bidu jew fit-tarf.

Ghalhekk huwa kardinali ghall-prosegwiment tal-ezami tal-bqija tal-espetti involuti li t-Tribunal jara hux kompetenti jew le. L-Artikolu 6 (1) gie ezaminat diversi drabi minn dan it-Tribunal u hawnhekk issir riferenza ghal xi partijiet mis-sentenza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999:

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma

jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Issa huwa car li mkien ma jissemma specifikament f' xi subartikolu l-kliem kazijiet ta' dixxiplina quddiem xi Bord tal-PSC. Dan iwassal ghall-eskluzjoni ta' dawn il-kazijiet mill-

kompetenza tat-Tribunal? Wiehed irid jezamina l-ewwel nett l-ispirtu tal-ligi. Irid ihares wkoll lejn l-Avviz Legali 5 tal-1977 u cioe` r-regolamenti tal-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Procedura ta' Dixxiplina). Dak li hemm provvdut iwassal ghal diversi possibiltajiet jekk ufficjal jinsab hati ta' dak li jkun gie akkuzat bih u cioe` sospensjonijiet, interdizzjonijiet mix-xoghol, tkeccija mill-post – aspetti li certament jistghu jitqiesu taht downgrading u aspetti li certament iwasslu biex persuna ma tiehux il-hatra li tista' tkun intitolata ghaliha. Certament li proceduri ta' dixxiplina quddiem il-PSC, jekk persuna tinstab hatja, jew jekk tkun qeghedha ghaddejja proceduri quddiem xi Bord tal-PSC itellfu konsiderevolment il-possibbilta` ta' persuna li tiehu hatra, u propju dan hu dak li r-rikorrent ilmenta minnu. Hu semma li tali proceduri kienu jivvessawh kif ukoll setghu jaffettwawlu l-possibbilta` ta' hatra jew promozzjoni. Jinghad ukoll li fil-kaz tar-raba' aspett tal-ilment ir-rikorrent gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Muzewijiet u ghelhekk dan it-Tribunal ihoss li l-ilment imqajjem mir-rikorrent huwa ta' kompetenza tieghu u ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Originarjament kien hemm ghaxar intimati izda r-rikors gie ***irtirat fil-konfront tal-Manager Air Terminal u Chairman Air Terminal Board of Management.***

Nigu issa biex nezaminaw ***l-eccezzjoni tal-Malta International Airport*** li s-socjeta' Malta International Airport p.l.c. (gia Malta International Airport Limited) giet inkorporata fis-16 ta' Mejju

1991, u li fl-1 ta' Jannar 1992 il-Kumpanija assumiet ukoll l-impieg ta' dawk l-impjegati li fil-31 ta' Dicembru 1991 kienu mpjegati tal-Gvern u cioe' ta' dak li f'dak il-perjodu kien l-Air Terminal Department; ir-rikorrent kien wiehed minn dawk li ghazel minn rajh li jinghaqad mal-Kumpanija fl-1 ta' Jannar 1992; ir-rikorrent qed jallega illi sofra ingustizzja f'perjodu qabel l-1 ta' Jannar 1992 u ghaldaqstant ma setax sofra ingustizzji r-rikorrenti mill-Malta International Airport p.l.c. peress illi din is-socjeta` kummercjali giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 u bejn dina d-data u 31 ta' Dicembru 1991 r-rikorrent ma kienx impjegat maghha. Infatti, fir-rikors tieghu r-rikorrenti Frederick Attard qed jallega li sofra ingustizzja minn "ufficjali tal-Gvern". L-ebda ufficjal tal-MIA (minn meta gie inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 sal-lum) ma huwa ufficjal tal-Gvern; li ghalhekk sostniet l-istess socjeta' li dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba rikorrenti.

Minn-naha tieghu r-rikorrent sostna li din is-socjeta' ghandha responsabbilta' minhabba dak li hemm fil-Memorandum tal-istess socjeta' senjatament il-kliem "rights and liabilities of any airport in Malta"

Ikkunsidra li l-allegati ingustizzji saru bejn l-1987 u 1990. Dak iz-zmien l-imsemmija socjeta' ma kinitx bdiet tezisti. Mela jekk ghandha xi responsabbilta' din ghandha biss ghax wirtet tali responsabbilta' u cioe' li d-debitur originali - li f'dan l-istadju sejrin nghidulu l-Gvern minghajr ma nidhlu fil-persuna preciza

responsabbli - dahlet l-MIA minfloku u cioe' saret novazzjoni. Issa skond l-artikolu 1179 (b) tal-Kap 16:

"Hemm novazzjoni meta d-debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur."

U l-artikolu 1180 (2) dwar in-novazzjoni jghid li:

"…mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car."

Fil-kawza deciza mill-Appell Civili Inferjuri fit-12 ta' Gunju, 1935 fil-kawza fl-ismijiet Cassar Carmela vs Hammett William [Vol XXIX-I-1538] intqal li hemm novazzjoni minhabba tibdil tad-debitur meta d-debitur gdid jobbliga ruhu versu l-kreditur, li jaccettah minflokk id-debitur l-antik, li jibqa' liberat.

It-Tribunal jixtieq ukoll johrog analogija fejn l-Awtorita` tal-Ippjanar giet mizmuma li mhix is-successur tal-P.A.P.B. Ara sentenza fl-ismijiet Anthony Camilleri vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici et rikors numru 77/97 deciza fit-28 ta' Frar, 2002. Bl-istess mod taht certu aspetti l-Malta International Airport p.l.c. mhix is-successur tal-entitajiet li mexxew l-airport precedentement f' kazijiet ta' dixxiplina ghalkemm dan mhux necessarjament applikabbli ghal kull aspett iehor.

F'dan il-kaz tant kemm ir-rikorrent mhux qieghed jikkonsidra tali sostituzzjoni illi r-rikorrent qieghed jazzjonah f'dawn il-proceduri. Ukoll ir-rikorrent ghamel riferenza ghac-cirkolari tal-11 ta' Lulju, 1991, izda tali cirkolari taghmilha cara li "henceforth" u cioe' minn dak in-nhar 'l quddiem. Lanqas ma giet pruvata xi novazzjoni "ope legis". Infatti l-Kap 394 ma

jitkellimx dwar dan. Illi ghalhekk ma jistax ir-rikorrent jippretendi li ghandu xi dritt ta' azzjoni kontra l-Malta International Airport p.l.c. dwar dak li gara bejn l-1987 u l-1990 f'kazijiet ta' dixxiplina, u ghal dawn il-motivi jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikors gie intavolat ukoll kontra ***l-Ministru tat-Trasport u Portijiet, kif ukoll kontra s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u Portijiet.*** Ir-rikorrent istitwixxa r-rikors kontra dawn minhabba li kien hemm zmien meta d-dipertiment u terminal kienu jaqghu taht dan il-Ministeru. Ma giex ippruvat li dawn ghamlu xi haga partikolari dwar l-ilmenti in kwistjoni. Ukoll mix-xhieda tas-sur Worley johrog car li ma kien hemm ebda responsabbilta' ta' dawn. Infatti dan qal li l-Ministru tat-Trasport u Portijiet ma kellu ebda involviment f' dawn il-proceduri. Il-kap tad-dipartiment meta jkollu infringement ma jmurx il-Ministeru izda jmur direttament Kastilja. Ir-regolamenti ma jghidux li jrid jaghmel referenza lill-Ministeru tieghu. Ghal dawn il-motivi jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

L-***Air Terminal Board of Management*** kien Bord temporanju li dahal wara li kien hemm d-Direttur Generali tal-Avvjazzjoni Civili, u warajh l-Air Terminal Department. Dan il-Bord ma jidhirx li ghandu personalita' guridika, u lanqas ghadu jezisti, u lanqas ma gie pruvat li saret xi novazzjoni. Lanqas ma rrizulta li ittiehdu xi passi dixxiplinari minnu kontra r-rikorrent. Ghalhekk ghall kull buon fini jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

***Il-Prim Ministru eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur billi mhuwiex responsabbli ghal kazi ta' dixxiplina quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u lanqas ghat-trasferimenti ta' impjegati fis-Servizz Pubbliku***. Skond id-deposizzjoni tas-sur Worley il-Prim Ministru ma jidhirx hlief illi jkun l-Ufficcju tal-OPM li jirreferixxi l-kaz lill-PSC u jkun il-Prim Ministru li japprova finalment id-decizjoni tal-PSC, skond ir-regolamenti. Ma irrrizultax li l-Prim Ministru ha xi parti attiva f'dak li sar. Ma ingabet ebda prova dwar dan. Il-Prim Ministru mhux il-kap tad-Dipartiment tal-OPM. Ghal dawn il-motivi jillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar ***ir-responsabbilta` o meno fil-konfront tas-Segretarju Permanenti fl-ufficju tal-Prim Ministru*** jinghad li dan eccepixxa li fil-kazi kollha ta' dixxiplina indikati mir-rikorrent, kien inhass, kemm mill-Kap tad-dipartiment kif ukoll minn dan l-Ufficcju, li l-offizi kienu gravi bizzejjed li jigu nvestigati minn Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Izda rrizulta li minn tlitt kaz minn erba' li mhux hati, u li fir-raba' kaz instab hati ta' akkuza wahda li ma kinitx serja, u li f'kaz minnhom il-Bord stess qal li ma kienx kaz tal-Bord. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Eccepixxa wkoll li c-'charges' inhargu ghax kien hemm bazi fattwali taghhom, u fil-fatt ir-rikorrent imkien ma jallega illi dawn ic-'charges' kienu manifestament infondati jew frivoli. Illi waqt is-smiegh tac-charges ir-rikorrent kien inghata smiegh

xieraq skond ir-regolamenti. Hawn ukoll issir riferenza ghal dak li intqal fuq. Imkien ma qal ir-rikorrent li is-smiegh tac-charges ma kienx wiehed xieraq. Ghalhekk jichad ukoll din l-eccezzjoni.

L-intimat eccepixxa wkoll li s-sottomissjonijiet tar-rikorrent fis-sens li jimplika li l-Kap tad-Dipartiment kien vessatorju lejh, fis-sens li huwa kien diskriminat ghax ma giex processat quddiem il-Kap tad-Dipartiment, huma kontradittorji. Certament li hadd ma jiehu gost jghaddi Bord ta' dixxiplina tal-PSC u dan mhux qieghed jinghad b'xi sens ta' disrispett izda minhabba s-serjeta' tal-kaz, kif hadd jiehu gost iwiegeb ghal xi akkuza fil-Qorti. Huwa ferm ahjar anke jekk ikollok kap ta' dipartiment ostili li tidher quddiemu milli tmur PSC anke minhabba n-natura tal-pieni. Ghalhekk jichad ukoll din l-eccezzjoni.

Izda hawn it-Tribunal ghandu l-obbligu li jispjega r-responabbilta` ta' dak li kien jigri meta r-rapporti jintbaghtu Kastilja. Il-procedura f'kaz ta' dixxiplina fuq ir-regolamenti tal-1977 kienet li l-kap tad-dipartiment jinforma lill-OPM u kienet decizzjoni taghhom jekk il-kaz kienx serju bizzejjed li jigi riferut lura lill-Kap tad-Dipartiment jew biex il-kaz jintbaghat lill-PSC ghall-bord tax-Dixxiplina. Ghalhekk effettivament id-decizzjoni li jittiehdu passi kontra r-rikorrent ittiehdet mill-OPM. Izda mhux is-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru hu l-kap izda a tenur tal-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa l-kap tad-Dipartiment li ghandu r-rappresentanza f'kazijiet bhal dawn. Ghal dawn il-motivi

tillibera lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.

Jidher li z-zewg intimati l-ohra kienu b'xi mod konnessi ma' dak li gara u hawn it-Tribunal ghandu jezamina l-ewwel nett jekk b'<u>linji generali</u> ***l-ilment hux gustifikat***. Mhix haga sabiha li jittiehdu passi dixxiplinari kontra persuna quddiem il-PSC. Mhux tant gustifikata li wara li jittiehdu passi ma tirrizultax htija. Issa dan hu li gara fil-kaz tar-rikorrent fejn fi tlitt kazi gie liberat u fir-raba' kaz gie misjub hati ta' wiehed biss minn erba' kapi. Il-fatt li persuna titressaq quddiem il-PSC u tigi liberata probabilment ma jammontax ghal ingustizzja – dejjem naturalment dipendenti mill-fatti tal-kaz specjalment is-serjeta' u l-motivi tal-kaz. Izda hawn ghandna li fi tlitt snin ir-rikorrent intbaghat erba' darbiet. Il-kaz irid jitqies ukoll mill-kumpless generali tieghu fejn ir-rikorrent gie sistematikament vessat b'mod li l-pusizzjoni tieghu giet affetwata tant li anke possibiltajiet ta' hatriet u promozzjonijiet gew serjament perikolati. Xi whud minn dawn il-kazi setghu gew decizi mill-istess kap tad-Dipartiment u minflok ir-rikorrent intbaghat quddiem il-PSC. Fl-ewwel kaz mhux biss ma gie ippruvat xejn izda wara li minghajr gustifikazzjoni r-rikorrent ghadda minn dak li ghadda, sar appell u r-rikorrent kellu jghaddi minn dan it-tieni darba. Dwar it-tieni kaz hawn isbah. Mhux biss ma instabx hati izda addirittura il-Bord tax-Dixxiplina tal-PSC spicca biex qal kategorikament li dan ma kienx kaz li kellu jitressaq quddiem il-Bord. Wiehed kien jistenna li qabel ma jittiehdu passi ghal kaz iehor wiehed kien ser joqghod attent. Sabiha kienet l-attenzjoni,

ghax f'qasir zmien ir-rikorrent rega' intbaghat ghal kaz iehor li spicca biex addirittura gie irtirat mid-Dipartiment. Hawn ukoll ma kienx bizzejjed ghax lanqas hadd informa lir-rikorrent li l-kaz gie rtirat. Ftit xhur wara nigu ghar-raba' kaz fejn hargu erba' akkuzi u r-rikorrent instab hati biss ta' wiehed. Izda nsibu wkoll li f'dan il-kaz ir-rikorrent ghall-ewwel thalla b'nofs paga u kien biss wara l-intervent tal-Avukat Generali li thalla jiehu l-paga. Gie interdett, gie sospiz ghal xahar u nofs. Gie trasferit ghal ghaxar xhur minn Dipartiment ghall-iehor u tilef shift allowances. U dan kollu biex instab hati tat-tielet akkuza biss:

« Talli kopja ta' dokument ufficjali li jien [Paul Mifsud] baghattlek kopja tieghu biex taghti l-veduti tieghek dwaru bghattu lill-Konslu Libjan f'Malta meta ma kellek ebda awtorita' jew dritt taghmel dan. »

Kwazi kwazi tahseb li qiedghin zmienijiet ohra biex ta' din l-akkuza li fil-fatt il-PSC hasset li ghandha tillimita ruha ghall-imposizzjoni ta' multa ta' LM100 ir-rikorrent kellu jghaddi minn sospensjoni, twaqqif ta' paga, interdizzjoni, trasferiment ghal-Dipartiment iehor, u telf ta' flus minhabba li tilef is-shift allowance. Zgur li dak kollu li ghadda minnu r-rikorrent ma ghinux biex jiehu xi promozzjoni jew hatra. Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent sofra ingustizja kif imsemmi fil-Kap 394.

***X'responsabbilta` kellu d-Direttur tal-Avvjazzjoni Civili*** f'dan kollu ? Fl-eccezzjonijiet tieghu hu semma li fit-30 ta' Ottubru, 1987 hu kien hareg charge fil-konfront tar-rikorrent u r-rikorrent ma nstabx hati izda li minn Mejju 1988 ir-responsabbilta` ghall-amministrazzjoni tal-Air Terminal giet f'idejn il-Manager Air

Terminal Department. Ghalhekk sostna li hu mhux il-legittimu kontradittur ghall-fatti li graw wara Mejju, 1988.

Dan hu ragunar li t-Tribunal jikkondividi. Dak li ma jaqbilx mieghu u qieghed jichad din l-eccezzjoni hija propju l-ahhar wahda u cioe` li t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda. Irrizulta li l-ewwel charge li permezz tieghu r-rikorrent gie riferut lill-Bord tad-Dixxiplina tal-PSC u li tieghu ma kienx misjub hati saret propju mill-intimat in ezami. Ghalhekk it-Tribunal isisb il-htija tad-Direttur tal-Avvjazzjoni Civili dwar l-ewwel aspett tal-ilment.

***Responsabbilta` tad-Dipartiment tal-Air Terminal***. L-istess ragunar dwar l-ewwel aspett tal-ilment tar-rikorrent fil-konfront tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili japplika dwar it-tieni, tielet, u r-raba' aspett tal-ilment fil-kaz tad-Dipartiment tal-Air Terminal ghax kien propju waqt li r-rikorrent kien impjegat hemm li hargu c-charges l-ohra minn dan id-dipartiment. Ghalhekk isib lill-intimat in ezami responsabbli ghal din il-parti tal-ilment.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent mid-Direttur Generali tal-Avvjazzjoni Civili ta' sitt mitt lira, mid-Dipartiment tal-Air Terminal ta' elfejn u hames mitt lira.

Spejjez kontra Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili, u mid-Dipartiment tal-Air Terminal hlief dawk relativi ghall-Prim Ministru, Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru, Ministru tat-Trasport u Portijiet, Segretarju Permanenti fil-

Ministeru tat-Trasport u Portijiet, il-Manager Air Terminal, Malta International Airport p.l.c., Chairman Air Terminal Board of Management, u Air Terminal Board of Management li huma a karigu tar-rikorrent.